



L-operatur ta' sit internet jista' jkollu interess leġittimu biex iżomm ċerta data personali tal-viżitaturi sabiex jiddefendi ruħu minn attakki ċibernetiċi

L-indirizz tal-protokoll tal-internet dinamiku ta' viżitatur jikkostitwixxi, għall-operatur tas-sit, data personali, meta dan l-operatur ikollu mezzi legali li jippermettulu jidentifika l-viżitatur ikkonċernat bis-saħħa tal-informazzjoni addizzjonali li għandu l-fornitur tal-aċċess għall-internet tal-viżitatur

Patrick Breyer qed jikkontesta fil-qorti Ġermaniżi l-fatt li s-siti internet tad-dipartimenti federali Ġermaniżi li huwa jikkonsulta jirreġistraw u jżommu l-indirizzi tal-protokoll tal-internet tiegħu ("indirizzi IP")¹. Dawn id-dipartimenti jirreġistraw u jżommu, minbarra d-data u l-ħin tal-konsultazzjoni, l-indirizzi IP tal-viżitaturi sabiex jimpedixxu li jsiru attakki ċibernetiċi u jippermettu l-prosekuzzjonijiet kriminali.

Il-Bundesgerichtshof (qorti federali tal-ġustizzja, il-Ġermanja) saqsiet lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk, f'dan il-kuntest, l-indirizzi IP "dinamiċi" jikkostitwixxux huma wkoll, fir-rigward tal-operatur ta' sit internet, data personali u jekk jibbenefikawx għalhekk mill-protezzjoni prevista għal tali data. Indirizz IP dinamiku huwa indirizz IP li jinbidel ma' kull konnessjoni ġdida mal-internet. B'differenza mal-indirizzi IP statiċi, l-indirizzi IP dinamiċi ma jippermettux li ssir rabta, permezz ta' fajls aċċessibbli għall-pubbliku, bejn kompjuter partikolari u l-konnessjoni fiżika man-netwerk użata mill-fornitur tal-aċċess għall-internet. Għalhekk, huwa biss il-fornitur tal-aċċess għall-internet ta' Patrick Breyer li għandu l-informazzjoni addizzjonali neċessarja sabiex jidentifikah.

Barra minn hekk, il-Bundesgerichtshof tistaqsi jekk l-operatur ta' sit internet għandux, minn tal-inqas b'ħala prinċipju, ikollu l-possibbiltà li jiġbor u juża b'mod ulterjuri data personali tal-viżitaturi sabiex jiggarrantixxi l-kapaċità ġenerali tal-funzjonament tas-sit tiegħu. Hija tosserva f'dan ir-rigward li fil-parti l-kbira tagħha, id-duttrina Ġermaniża tinterpreta il-leġiżlazzjoni Ġermaniża f'dan il-qasam fis-sens li din id-data għandha tiġi mħassra fl-aħħar tas-sessjoni ta' konsultazzjoni sakemm ma tkunx meħtieġa għall-finijiet ta' fatturazzjoni.

Permezz tas-sentenza tagħha tal-lum, il-Qorti tal-Ġustizzja twieġeb qabel kollox li indirizz IP dinamiku rreġistrat minn "fornitur ta' servizzi ta' media online" (jiġifieri mill-operatur ta' sit internet, f'dan il-każ id-dipartimenti federali Ġermaniżi) meta ssir konsultazzjoni tas-sit internet tiegħu aċċessibbli għall-pubbliku jikkostitwixxi, fir-rigward tal-operatur, data personali², meta jkollu mezzi legali li jippermettulu jidentifika l-viżitatur bis-saħħa tal-informazzjoni addizzjonali li għandu l-fornitur tal-aċċess għall-internet ta' dan tal-aħħar. Il-Qorti tal-Ġustizzja tirrileva f'dan ir-rigward li jidher li jeżistu fil-Ġermanja mezzi legali li jippermettu li l-fornitur tas-servizzi tal-media online³ jindirizza b'mod partikolari fil-każ ta' attakki ċibernetiċi, lill-awtorità kompetenti sabiex tiegħu l-passi meħtieġa biex tikseb din l-informazzjoni mingħand il-fornitur tal-aċċess għall-internet u biex tistitwixxi

¹ L-indirizzi IP huma sekwenza ta' numri allokat li l-kompjuters konnessi mal-internet sabiex jippermettu l-komunikazzjoni bejniethom permezz ta' dan in-netwerk. Meta sit internet jiġi kkonsultat, l-indirizz IP tal-kompjuter li jitolb il-konsultazzjoni jiġi kkomunikat lis-server fejn jinsab il-hosting tas-sit. Din il-komunikazzjoni hija neċessarja sabiex id-data kkonsultata tkun tista' tiġi trażmessa lid-destinatariju t-tajjeb.

² Fis-sens tad-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-24 ta' Ottubru 1995, dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u l-moviment liberu ta' tali data (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 15, p. 355).

³ Fir-rigward ta' dan il-każ fejn is-siti inkwistjoni huma pprovduti mid-dipartimenti federali Ġermaniżi, il-Qorti tal-Ġustizzja tosserva li jidher li d-dipartimenti federali Ġermaniżi jaġixxu, minkejja l-istatus tagħhom ta' awtoritajiet pubbliċi, fil-kwalità ta' individwi.

proċeduri kriminali. Fit-tieni lok, il-Qorti tal-Ġustizzja twieġeb li d-dritt tal-Unjoni⁴ jipprekludi leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li fuq il-bażi tagħha, fl-assenza tal-kunsens tal-viżitatur, fornitur ta' servizzi ta' media online jista' jiġbor u juża data personali ta' viżitatur biss sa fejn dan il-ġbir u dan l-użu jkunu neċessarji sabiex jiġi ffaċilitat u ffatturat l-użu konkret li dan il-viżitatur jagħmel mis-servizzi, mingħajr ma l-għan intiż li tiġi ggarantita l-kapaċità ġenerali tal-funzjonament ta' dawn is-servizzi ma jkun jista' jiġġustifika l-użu tad-data wara sessjoni ta' konsultazzjoni ta' dan tal-aħħar. Il-Qorti tal-Ġustizzja tfakkar li, skont id-dritt tal-Unjoni, l-iżproċessar tad-data personali huwa legali, fost l-oħrajn, jekk ikun meħtieġ għall-finijiet tal-interess leġittimu mfittex mill-kontrollur jew mit-terz jew terzi li lilhom tkun żvelata d-data, bil-kundizzjoni li ma jipprevalux l-interess jew id-drittijiet u libertajiet fundamentali tal-persuna kkonċernata. Il-leġiżlazzjoni Ġermaniża kif interpretata fil-parti l-kbira tad-duttrina, tnaqqas il-portata ta' dan il-prinċipju, billi teskludi l-possibbiltà li l-għan li tiġi ggarantita l-kapaċità ġenerali tal-funzjonament tal-media online ikun is-suġġett ta' bilanċjar mal-interess jew id-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tal-viżitaturi.

F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja tenfasizza li d-dipartimenti federali Ġermaniżi li jipprovdu servizzi ta' media online jistgħu jkollhom interess leġittimu li jiggarantixxu, lil hinn minn kull użu konkret tas-siti tagħhom tal-internet aċċessibbli għall-pubbliku, il-kontinwità tal-funzjonament tas-siti tagħhom.

NOTA: Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti, lill-qorti tal-Istati Membri fil-kuntest ta' kawża mressqa quddiemhom, li jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew li tiddeċiedi dwar il-validità ta' att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqtax il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha ssib soluzzjoni għall-kawża skont id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qorti nazzjonali l-oħra li quddiemhom titressaq problema simili.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

It-[test sħiħ](#) tas-sentenza jinsab fuq is-sit CURIA mill-jum li fiha tingħata s-sentenza

Kuntatt għall-istampa: Holly Gallagher ☎ (+352) 4303 3355

Ritratti tal-għoti tas-sentenza huma disponibbli fuq "[Europe by Satellite](#)" ☎ (+32) 2 2964106

⁴ Jiġifieri d-Direttiva 95/46